MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 446/2010

**Frank Cachia (ID 415770M) ezercitanti l-kummerc bil-isem AGV Group**

***kontra***

**Fuzhen Wang Lanzon (Numru tal-passaport Ciniz G17355688) u Tarak Rezeg (Numru tal-passaport Tunezin V853285)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-3 ta` Mejju 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrent jaghmel negozju ma' kumpanija barranija bl-isem ta' Kaiping City Huihua Waste Recycling Co. Limited li hija bbazata gewwa Hong Kong, fic-Cina,*

*liema negozju jikkonsisti fix-xiri ta' 'scrap metal' u kif ukoll diversi oggetti ohra ta' 'scrap' sabiex dawn jergghu jinbieghu lil din il-kumpanija Ciniza;*

*2. Illi r-rikorrent jaghmel dan in-negozju flimkien mal-konvenuti Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg, fejn it-tliet individwi kienu jagixxu kolletivament taht l-isem kummercjali ta' AGV Group, izda liema identità kummercjali kienet tappartjeni lill-attur, li jghamel diversi negozji ohrajn taht l-istess isem;*

*3. Illi dan in-negozju jsir billi l-kumpanija Kaiping City Huihua Waste Recycling Co. Limited tibghat il-flus bil-quddiem lill-konvenuta Fuzhen Wang Lanzon, u din tghaddi dawn il-flejjes lill-attur sabiex ikun jista' jakkwista l-materja prima fil-forma ta' 'scrap', u sussegwentament l-attur flimkien mal-konvenut Tarak Rezeg jipprocessaw l-imsemmi 'scrap' billi dan jigi sseparat u eventwalment jigi mibghut lill-imsemmija kumpanija Kaiping City Huihua Waste Recycling Co. Limited;*

*4. Illi effettivament, huwa r-rikorrent li jiehu hsieb ix-xiri tal-materjal in kwistjoni u flimkien mal-konvenut Tarak Rezeg jiehdu hsieb l-iprocessar tal-istess materjal qabel ma dan jigi mibghut lill-kumpanija barranija, waqt li l-konvenuta Lanzon tiehu hsieb il-lat amministrattiv ta' meta tidhol l-ordni, inkluz il-gbir tal-flus li jintbghatu mill-kumpanija barranija, liema flus jidhlu direttament fil-kont bankarju tal-konvenuta Fuzhen Wang Lanzon, u sussegwentement jigu mghoddija lill-attur sabiex dan ikun jista' jakkwista l-materjal in kwistjoni;*

*5. Illi dan in-negozju sar izjed minn darba u dejjem gara illi r-rikorrent u l-konvenuti jaqsmu dak li jifdal bhala dhul minn tali negozju wara illi jitnaqqsu l-ispejjez kollha inkorsi fl-istess negozju;*

*6. Illi f'okkazjoni partikolari, gara illi l-kumpanija barranija ittrasferiet is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf*

*ewro (€25,000) mill-kont bankarju taghha ghal dak tal-konvenuta Fuzhen Wang Lanzon kif dejjem taghmel, u konsegwentement, meta r-rikorrent gie mgharraf b'dan huwa minghajr dewmien hareg ricevuta ghal tali ammont f'isem AGV Group, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok 'A';*

*7. Illi mis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000), il-konvenuti ghaddew is-somma ta' sitt elef tliet mija u tmienja u erbghin ewro (€6,348) lir-rikorrent;*

*8. Illi sussegwentement ir-rikorrent beda jixtri permezz ta' flusu stess il-materjal rikjest ghall-kumpanija Kaiping City Huihua Waste Recycling Co. Limited, u inizjalment interpella lill-konvenuta Lanzon sabiex tittrasferixxi l-kumplament tal-flejjes ricevuti biex huwa ikun jista' jikkompleta l-ipprocessar tal-materjal u jghamel konsenja tal-istess;*

*9. Illi minkejja din l-interpellanza l-konvenuta Lanzon baqghet inadempjenti, u minkejja dan l-attur kompla jonora l-obbligi assunti f'isem AGV Group billi lesta l-iprocessar tal- 'iscrap' u kkonsenjah lil kumpanija sussidjara tas-socjetà estera, u cioè Smart International Trade Development Ltd u dan kif jirrizulta mill-polz tal-kargu kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok 'B';*

*10. Illi r-rikorrent interpella diversi drabi lill-konvenuti sabiex dawn jittrasferixxu l-ammont hekk kif mibghut mis-socjetà estera sabiex l-attur ikun jista' jipprocessa l-pagament u jidentifika l-ammont ta' profit, jekk kien hemm, minn din it-transazzjoni partikolari, izda dawn baqghu inadempjenti;*

*11. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrent, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' dan id-debitu;*

*Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddeciedi billi:*

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u tnejn u hamsin ewro (€18,652) rapprezentanti bilanc dovut lir-rikorrent bhala hlas ghal merkanzija li giet mibghuta barra minn Malta, u liema ammont gie ricevut mis-sekwestrati, bl-imghax mid-data ta' meta dan l-ammont gie ricevut sad-data tal-pagament effettiv;*

*3. Tordna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u tnejn u hamsin ewro (€18,652) rapprezentanti bilanc dovut lir-rikorrent bhala hlas ghal merkanzija li giet mibghuta barra minn Malta, u liema ammont gie ricevut mis-sekwestrati, bl-imghax mid-data ta' meta dan l-ammont gie ricevut sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 580/10, u bl-imghax mid-data tar-ricevuta tal-flus sad-data tal-hlas effettiv, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-attur, il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnha. Fost dawn id-dokumenti, hemm affidavit tal-attur (Dok C a fol 10 u 11).

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-konvenuti skond il-ligi.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li l-konvenuti msejha sabiex jidhru fl-udjenza tal-lum baqghu ma dehrux.

Qieset l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u taqta` l-kawza minghajr smigh.**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u tnejn u hamsin ewro (€18,652), bl-imghax kif mitlub, rapprezentanti bilanc dovut lill-attur bhala hlas ghal merkanzija li giet mibghuta barra minn Malta, u liema ammont gie ricevut mill-konvenuti.**

**3. Tilqa` t-tielet talba u tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u tnejn u hamsin ewro (€18,652), bl-imghax kif mitlub, rapprezentanti bilanc dovut lill-attur bhala hlas ghal**

**merkanzija li giet mibghuta barra minn Malta, u liema ammont gie ricevut mill-konvenuti.**

**4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 580/10.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------